MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 272/2004

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**R.C. Construction Company Limited (C 11831)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ erbat elef, mitejn u disgha u erbghin lira Maltin u tliet centezmi (Lm4,249.03) import ta’ seba’ (7) kambjali migbuda mis-socjeta’ Rainbow Mix Concrete Limited u ggirati u fil-pussess tas-socjeta’ mittenti liema kambjali huma skaduti u mhux imhallsa fit-28 ta’ Gunju, 1999, 28 ta’ Lulju, 1999, fit-28 ta’ Awissu, 1999, 28 ta’ Settembru, 1999, 28 t’Ottubru, 1999, 28 ta’ Novembru, 1999 u 28 ta’ Dicembru, 1999, rispettivament (Dok. A1 sa A7) flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta’ l-iskadenza tal-kambjali sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz ghas-smiegh, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-18 ta’ Jannar, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------